Avviż Numru CCT 341/10

**Anthony Caruana**

**vs**

**Marphil Gauci**

Illum 18 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 ta' Settembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elfejn, seba' mija, tmienja u tmenin ewro (€2,788), rappreżentanti prezz ta' xogħol ta' tqegħid ta' *liquid membrane*, imqiegħed fil-propjeta' tal-istess rikorrenti, liema xogħol sar ħażin u mhux skond is-sengħa u l-arti, u għalhekk qed jitlob il-flus lura.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi huwa kien ordna xogħol ta' *liquid membrane* mingħand l-intimat u wara li għamlu xorta baqa' bid-difetti u fil-fatt ippreżenta diversi ritratti għal f'dan il-għan.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal wara li sema' lir-rikorrenti jixhed, jinnota li l-verżjoni tiegħu hija kredibbli u aċċettabli.

It-Tribunal jinnota li l-intimat debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u dan permezz tal-proċedura ta' l-affissjoni, u msejjaħ tliet darbiet, dan baqa' ma deherx.

It-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' elfejn, seba' mija, tmienja u tmenin ewro (€2,788), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**